**Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Ħamis, 30 ta' Jannar, 2003**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tlett siegħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

a) ċitazzjoni għall-ħlas ta' servizzi;

b) rikors ta' appell kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn il-klijent tiegħek huwa l-kwerelant;

c) rikors għall-ftuħ ta' suċċessjoni ta' persuna li mietet *ab intestato;*

d) protest fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili;

e) rikors għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża fi grad ta' appell;

f) ċitazzjoni għal separazzjoni personali fejn il-klijent tiegħek hija l-mara u hemm tfal minorenni.

**<u>Parti B</u>**

Irrispondi mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

a) Inti ġejt inkarigat mill-Qorti Kriminali biex tiddefendi raġel akkużat li volontarjament qatel raġel ieħor. Fl-ewwel inkontru mal-klijent tiegħek huwa jammetti miegħek li qatel għax ried ipattiha lill-persuna l-oħra minħabba kwistjoni dwar dritt ta' passaġġ fl-għelieqi li kellhom bejniethom. Il-klijent jgħidlek ukoll li ma jridx jammetti l-akkuża u li bi ħsiebu jipprova jwaħħal f'persuna oħra li wkoll kellha kwistjonijiet mal-mejjet. Mill-atti jiet tal-kumpilazzjoni jirriżulta li għall-bidu anke l-Pulizija kienet qed tissuspetta f'din il-persuna l-

ohra. Kif ghandek iggib ruhek bhala avukat, kemm qabel il-guri kif ukoll waqt il-guri, fir-rigward tal-klient u ta' dak li qallek li jrid jaghmel, u tal-persuna li originarjament kienet suspettata (pero` li inti taf li ma kellhiex x'taqsam ghax hekk qallek il-klient)? U b'mod partikolari fisser il-linja jew linji difensjonali li tkun etikament gustifikat li tipproponi.

b) X'tifhem bis-"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet, fil-fehma tieghek, ghandu jkollu xi limiti? Hemm differenza bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalita"? Ghati ezempji.

c) L-Artikolu 30 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bhala ufficjali tal-qorti". X'jimplika, mill-lat ta' etika professjonali u ta' doveri u drittijiet, li avukat ikun "ufficjal tal-qorti"?

# Ezami ghall-Warrant ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**Hamis, 27 ta' Frar, 2003**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tlett sieghat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

a) citazzjoni ta spoll, fejn l-attur jallega li gie mizmum milli jezercita dritt ta' passagg;

b) citazzjoni ta' jattanza, fejn l-attur jallega li l-konvenut b'ittra ppretenda li huwa kreditur ta' l-attur;

c) citazzjoni maghmula minn impjegat kontra min ihaddmu ghall-hlas ta' danni sofferti wara korriment fuq ix-xoghol;

d) ittra ufficjali ghall-hlas ta' sena kera ta' hanut mikri, kif ukoll ghall-hlas ta' prezz ta' merkanzija mibjugha;

e) rikors fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili maghmula minn mara li tixtieq tissepara minn zewgha, flimkien ma talbiet ohra ancillari ghall-kura u l-kustodja tat-tlett ulied minuri, manteniment u abitazzjoni esklussiva fid-dar matrimonjali;

f) rikors ta' *challenge* kontra l-Kummissarju tal-Pulizija ghax allegatament dan naqas milli jipprocedi kriminalment kontra persuna li l-klient tieghek kien iddenunzja li kien ikommetta serq a dannu ta' terza persuna.

Parti B

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

a) Fi proceduri kriminali fejn tintemm il-konfidenzjalita` u s-sigriet professjonali u tibda l-komplicita`?

b) Qed tirraprezenta klienti f'kawza ta' divizjoni ta' proprjeta` u tigi persuna ohra b'citazzjoni ta' zgumbrament maghmula f'isem dawk il-partijiet fid-divizjoni li ma humiex il-klienti tieghek f'dik il-kawza. Ghandek taccetta li tiddefendi lil din il-persuna? Ghaliex?

c) X'ghandek taghmel jekk tigi persuna tkellmek professjonalment u wara ftit tirrealizza li l-fatti li qed tghidlek huma familjari ghax simili ghal xi fatti li ga smajt minghand klient iehor?

**Ezami ghall-Warrant ta' Avukat**

(Parti bil-miktub)

Il-Gimgha, 4 ta' April, 2003

(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tlett sieghat.)

**Parti A**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

a) rikors ta' appell kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn il-klient tieghek, li gie misjub hati fuq zewg imputazzjonijiet u liberat minn zewg imputazzjonijiet ohra, qed jikkontesta s-sejbien ta' htija fir-rigward ta' wahda minn dawk iż-zewg imputazzjonijiet li taghhom instab hati;

b) rikors, motivat tajjeb, quddiem il-Qorti ta' l-Appell li bih l-appellat jitlob li jressaq provi godda;

c) kontro-protest fil-Prim Awla tal-Qorti Civili;

d) cedola ta' depozitu;

e) rikors ghal ritrattazzjoni ta' kawza deciża mill-Qorti ta' l-Appell;

f) rikors ghall-konferma ta' ezekuturi testamentarji.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

a) X'ghandu jaghmel avukat malli: (a) jissuspetta li l-klient li qed jippatrocina qed juza s-servizzi tieghu ghal attivita` li tista' tkun kriminali, u (b)

jinduna li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawża jew f'inkarigu partikolari?

b) X'inhuma l-obbligi etici tal-Avukat fil-konfront tal-klient, ta' l-Avukati kollegi tieghu, u tal-Qorti li quddiemah huwa jidher fil-vesti tieghu ta' Avukat?

c) X'differenzi bazici hemm bejn l-etika in generali u l-etika professjonali? Ghati ezempji.

**Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat**

(Parti bil-miktub)

Il-Gimgha 5 ta' Marzu, 2004

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tlett sieghat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

i. rikors ghall-ftuh tas-successjoni ta' persuna li mietet *ab intestato*;

ii. citazzjoni ta' spoll fejn il-klient tieghek qed jilmenta mill-ftuh ta' tieqa mill-girien ghall-fuq il-bitha tieghu.

iii. citazzjoni ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni ta' sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni;

iv. rikors, ben motivat, ghar-rilaxx favur il-klient tieghek ta' kwantita` ta' merkanzija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana, fir-rigward ta' liema merkanzija l-Kontrollur hareg Nota ta' Qbid;

v. rikors fil-Qorti tal-Magistrati ghar-rilaxx ta' persuna li qed jigi allegat li qed tinzamm illegalment fl-Isptar Monte Carmeli;

vi. rikors ta' appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li cahdet talba tal-klijent tieghek sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat jipprocedi kriminalment kontra persuna li allegatament serqet il-karozza tal-klient tieghek.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

a. AB jinfurmak li huwa ghandu kawza pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn qed jigi patrocinat mill-avukat CD. Huwa jallega li CD mhux qed ihares sew l-interessi tieghu u li ttraskura gravement, tant li x'aktarx kien ghalhekk li xi whud mit-talbiet tieghu gew dikjarati preskritti fis-sentenza tal-Prim Awla. Huwa jixtieqek tibda tippatrocinah, u jrid ukoll li jittiehdu passi dixxiplinari kontra CD. Fisser il-passi kollha li inti ghandek tiehu f'dan il-kaz skond l-etika professjonali.

b. Fisser l-obbligi li johorgu mill-etika professjonali li avukat ghandu fil-konfront tal-Qorti li quddiemha jkun qed jidher f'kawza a nom tal-klient tieghu, u dan b'referenza partikolari ghall-provvedimenti tal-Kodici ta' Etika.

c. X'inhuma l-limiti, jekk hemm, tas-sigriet professjonali?

Ezami ghall-*Warrant* ta' Avukat

(Parti bil-miktub)

It-Tlieta, 27 ta' Lulju, 2004

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tlett sieghat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

1. Rikors fil-Qorti tal-Magistrati li permezz tieghu il-klient tieghek qed jitlob li l-Qorti tordna lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex tibda proceduri kriminali kontra persuna residenti Ghawdex, u li kontra taghha il-klient tieghek kien ghamel kwerela tlett xhur qabel fejn allega li din kienet serqitlu r-roti tal-karozza li kienet parkeggjata fi triq is-Swieqi.

2. Rikors ghal ritrattazzjoni ta' kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell.

3. Rikors ghal ritassa tad-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali wara sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li ghaddiet in gudikat.

4. Citazzjoni li permezz taghha l-klienta tieghek qed titlob li jigi annullat iz-zwieg taghha.

5. Rikors ta' appell minn sentenza preliminari tal-Qorti Kriminali li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni sollevata mill-akkuzat.

6. Rikors ghall-konferma ta' ezekuturi testamentarji.

**Parti B**

Irridpondi wahda biss minn dawn li gejjin:

1. Fisser x'inhuma l-obbligi ta' avukat ghal dak li jirrigwarda s-sigriet professjonali. Iddistingwi b'mod partikolari bejn is-sigriet professjonali u l-kunfidenzjalità fit-termini tal-Kodici ta' l-Etika.

2. X'inhuma r-regoli principali ta' etika li ghandhom jigwidaw avukat fil-kors ta' litigazzjoni fil-qorti?

3. Ikkummenta dwar l-implikazzjonijiet etici f'dawn iz-zewg kazijiet: (a) Avukat "X" hu impjegat ma' ditta kummercjali fuq bazi *full-time* fl-ufficcju legali taghha.

Dan l-avukat jiddeciedi li, barra mill-hin ta' l-ufficcju, huwa jaghti pariri lil "klienti privati" u dan ad insaputa tad-ditta jew tad-dirigenti taghha. (b) Avukat "Y" jigi mitlub minn klient sabiex jassumi l-patrocinju ta' kawza minflok avukat iehor li qed jirrifjuta li jikkonsenjalu l-pratika. "Y" jiddeciedi li jaccetta l-inkarigu minkejja dan ir-rifjut ta' l-avukat l-iehor.

Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

(Parti bil-miktub)

L-Erbgħa, 29 ta' Diċembru, 2004

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tlett sigħat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. Nota ta' eċċezzjonijiet (inkluzi l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti), id-dikjarazzjoni ġuramentata, u kontro-talba f'kawża fejn il-klient tiegħek ġie mħarrek mill-attur għas-somma ta' sebat elef lira rappresentanti danni allegatament sofferti mill-attur fil-vettura tiegħu b'riżultat ta' inċident awtomobilistiku li fih kien involut il-klient tiegħek bil-vettura tiegħu.

2. Rikors għall-ħruġ ta' mandat *in factum* kontra AB wara li l-klient tiegħek kiseb sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, sussegwentement konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, li biha l-imsemmi AB ġie ordnat iħott ħajt li huwa kien bena fuq il-proprjeta` tal-klient tiegħek.

3. Rikors ta' appell, motivat tajjeb, minn digriet interlokutorju mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

4. Rikors għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest fil-pendenza ta' proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-klient tiegħek (li hu ċittadin minn Sri Lanka u li kien Malta fuq bastiment merkantili meta allegatament ipprova joqtol membru ieħor tal-ekwipaġġ tal-istess bastiment) meta l-atti tal-kumpilazzjoni jinsabu rinvjati għand l-Avukat Ġenerali.

5. Rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat fir-rigward ta' mandat ta' inibizzjoni li nħareġ kontra l-klienta tiegħek biex hija tinżamm milli tieħu it-tifel tagħha minuri barra minn Malta.

6. Rikors f'isem il-klient tiegħek sabiex digriet tal-Pontefiċi Ruman *super matrimonio rato et non consummato* jiġi reġistrat għall-finijiet u effetti kollha ċivili.

**Parti B**

Irrispondi waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem bis-"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalita`"? (Agħti eżempji).

2. Ditta ta' avukati tixtieq ixxandar avviz fil-*media* dwar il-prattika professjonali taghha. Indika liema huma r-regoli li jirregolaw ix-xandir ta' avvizi simili skond il-Kodici ta' Etika ta' l-Avukati, kif ukoll ir-rwol li ghandha l-Kamra ta' l-Avukati f'din il-materja

3. Persuna tista' tippresenta ilment kontra avukat quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghal allegat ksur tal-Kodici li jirregola l-etika professjonali. Semmi (a) id-drittijiet li jgawdi minn jippresenta tali ilment, u (b) id-drittijiet li jgawdi l-avukat li kontrih isir l-ilment waqt is-smigh quddiem il-Kumitat ghall-Avukati kif ukoll fl-istadju ta' l-appell.

# Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2005**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet siegħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. Talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad sakemm tinstema' u tinqata' talba ta' ritrattazzjoni tal-kawza li fiha nghatat is-sentenza;

II. Ittra ufficjali biex taghmel ezegwibbli titolu gej minn kambjala;

III. Rikors ta' appell tal-kwerelant minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li ma laqghetx it-talba tieghu sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat jipprocedi kontra l-kwerelat ghar-reat ta' *ragion fattasi;*

IV. Talba ghal rimedju taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) ghax il-klient tieghek ighid illi kien imcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

V. Rikors, motivat tajjeb, quddiem il-Qorti ta' l-Appell li bih l-appellat jitlob li jressaq provi godda;

VI. Appell minn sentenza tal-Prim Awla li cahdet it-talba tal-klient tieghek ghall-hlas ta' dejn ghax laqghet eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Parti B

Wiegeb wahda biss minn dawn li gejjin:

1. Iddeskrivi l-kriterji etici u l-htigiet, li ghalihom jirreferi l-Kodici ta' Etika u Mgieba Professjonali ta' l-Avukati, li ghandhom jigu osservati minn avukat meta jigi biex jistabilixxi d-drittijiet ("fees") professjonali lilu dovuti mill-klienti tieghu.

2. X'ghandu jaghmel avukat malli: (a) jissuspetta li l-klient li qed jippatrocina qed juza s-servizzi tieghu ghal attivita` li tista' tkun kriminali; (b)jinduna li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawza jew f'inkarigu partikolari?

3. X'differenzi hemm bejn l-etika in generali u l-etika professjonali? Aghti ezempji.

**Ezami għall-Warrant ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 28 ta' Dicembru 2005**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. Rikors ghall-ftuh u pubblikazzjoni ta' testment sigriet;

II. L-att mehtieg sabiex jigi impunjat digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li bih giet michuda talba tal-klienta tieghek (maghmula taht l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12) ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug kontra taghha fuq talba ta' zewgha;

III. Rikors, a nom tal-klient tieghek li kontra tieghu hemm pendenti Att ta' Akkuza mahrug mill-Avukat Generali, sabiex jinghata l-helsien mill-arrest pendenti l-ezitu ta' appell minnu interpost minn sentenza preliminari tal-Qorti Kriminali li cahdet l-eccezzjoni tieghu dwar l-inammissibilita` ta' diversi xhieda li kien bi hsiebu jressaq l-Avukat Generali;

IV. Rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili a nom tal-klient tieghek - li intervjena fil-kawza *in statu et terminis* - sabiex issir it-trasfuzjoni tal-gudizzju minhabba l-mewt tal-konvenut;

V. Nota ta' l-eccezzjonijiet b'kontro-talba maghha (u bil-lista tax-xhieda u dokumenti) f'kaz fejn il-klient tieghek qed jigi mharrek ghal danni fis-somma ta' Lm11,000 minhabba incident awtomobilistiku.

VI. Citazzjoni ghal separazzjoni personali fil-qorti kompetenti fejn il-klient tieghek hija l-mara u hemm tfal minorenni.

**Ezami ghall-Warrant ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 12 ta' April 2006**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**Parti A**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. Rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili li fih ir-rikorrent, li qed jallega li l-art proprjeta` tieghu giet esproprjata mill-Gvern mhux fl-interess pubbliku izda biex tinghata lil persuna partikolari ghall-uzu privat taghha, qed jitlob rimedju kostituzzjonali (vjolazzjoni ta' dritt fondamentali) kif ukoll rimedju taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319);

II. Rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' sentenza, deciza minn dik il-Qorti, minhabba li r-rikorrent ikun ippresenta rikors ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-appell - rikors f'dan il-kaz is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kienet ordnat lill-konvenut, issa ritrattand, sabiex jizgombra minn remissa li huwa ghamel zmien jikri minghand l-attur, ir-ritrattat;

III. Rikors ta' appell, motivat tajjeb, minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

IV. Rikors ghall-helsien mill-kustodja (*habeas corpus*) fejn ir-rikorrent qed jallega li qieghed jigi detenut kontra l-ligi mill-Forzi Armati ta' Malta;

V. Rikors ghall-ftugh tas-successjoni ta' persuna li mietet *ab intestato*;

VI. Rikors ta' l-appellant quddiem il-Qorti ta' l-Appell sabiex jigi ammess ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament (*cautio juratoria*).

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

1. (a) Avukat "A" jigi mitlub li jassumi l-patrocinju ta' klijent minflok avukat iehor waqt proceduri quddiem il-Qorti. Fisser x'inhuma l-obbligi etici skond il-Kodici ta' l-Etika Professjonali li Avukat "A" ghandu josserva f'din ic-cirkostanza. Semmi r-rimedji fil-kaz li l-avukat l-iehor jiddecidi li ma jikkoperax ma' l-Avukat "A".

(b) Fisser il-normattiva li tirregola ir-reklamar professjonali kemm skond l-Kodici ta' l-Etika Professjonali kif ukoll skond ir-regoli mahruga mill-Kamra ta' l-Avukati.

2. "L-obbligu li avukat josserva is-sigriet professjonali huwa obbligu li johrog izjed mill-ligi milli mill-etika professjonali". Ikkummenta.

# Ezami ghall-*Warrant* ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 26 ta' Lulju 2006**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. L-att mehtieg li bih titlob li sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell ta' Lyons, fi Franza, tigi ezegwita f'Malta skond in-normativa tal-Unjoni Ewropea (permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Lyons, il-klient tieghek, cittadin taljan, gie kanonizzat kreditur ta' socjeta` registrata fi Franza, izda li ghandha assi f'Malta, fis-somma ta' tlett miljun euro);

II. L-att mehtieg sabiex a nom tal-attur titlob ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati;

III. Rikors ghal ritassa tad-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali wara sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li ghaddiet in gudikat;

IV. Rikors ghall-helsien mill-kustodja (*habeas corpus*) fejn ir-rikorrent qed jallega li qieghed jigi detenut kontra l-ligi fl-Isptar Monte Carmeli;

V. Rikors ghall-ftugh u pubblikazzjoni ta' testment sigriet;

VI. Rikors ta' appell, motivat tajjeb, minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Parti B

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

1. (a) Fisser l-obbligi principali li avukat ghandu josserva fl-imgieba tieghu lejn il-Qorti skond il-Kodici ta' Etika Professjonali mahrug mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

(b) Waqt is-smiegh ta' kawza, avukat "A" gie nkarigat sabiex jirredigi nota ta' osservazzjonijiet. Waqt li qed jipprepara n-nota induna b'kazistika li ma kinetx favorevoli ghall-klient tieghu. Huwa jiddecidi li ma jinkludix din il-kazistika fin-nota tieghu u li jinkludi biss kazistika favorevoli ghat-tezi tal-klient. Fisser, b'referenza ghall-kriterji ta' etika professjonali, jekk "A" mexiex korrettement jew le.

2. (a) "L-obbligu tas-sigriet professjonali illum huwa regolat minn diversi ligijiet apparti mill-Kodici ta' l-Etika Professjonali mahrug mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja." Fisser jekk taqbilx ma' din id-dikjarazzjoni b'referenza ghal-legislazzjoni rilevanti ghar-risposta tieghek.

(b) Semmi l-passi li avukat ghandu jiehu meta klient jinformah li jixtiequ jassumi l-patrocinju minflok avukat iehor, sabiex jassigura ruhu li jagixxi korrettement fil-konfront tal-kollega tieghu.

Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat

(Parti bil-miktub)

L-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2006

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

I. Rikors ġuramentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (flimkien mal-lista tax-xhieda) li permezz tiegħu il-klient tiegħek (l-attur) jitlob mingħand il-konvenut il-ħlas għal servizzi.

II. Rikors (motivat tajjeb) fil-qorti kompetenti f'isem AB li bih huwa jitlob it-tibdil tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ma laqgħetx ir-rikors tiegħu, magħmul kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, u li fih huwa kien talab li l-Qorti Inferjuri tordna lill-istess Kummissarju jipproċedi kriminalment kontra CD (AB, permezz ta' kwerela, kien talab li jittieħdu passi kontra CD li allegatament seraq il-karozza ta' AB).

III. Rikors fil-qorti kompetenti sabiex jiġi maħtur tutur għal minuri ta' tnax-il sena li l-ġenituri tiegħu it-tnejn mietu f'inċident awtomobilistiku mingħajr ma għamlu testment.

IV. Rikors f'isem il-klienta tiegħek sabiex digriet tal-Pontefiċi Ruman *super matrimonio rato et non consummato* jiġi reġistrat għall-finijiet u effetti kollha ċivili mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

V. Risposta għal appell u appell inċidentali – l-appellant (CD) qiegħed jappella minn sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li sabet lill-klient tiegħek (li kien impjega lill-appellant biex jaħdem miegħu fuq sit fejn qed jinbnew appartamenti) responsabbli għal danni li sofra CD għax dan ma kienx ġie provvdut b'*safety equipment* meħtieġ, u llikwidat id-danni fis-somma ta' disat elef lira (Lm9,000). CD qed jgħid li din is-somma għandha tkun ferm ogħla minn hekk.

VI. Rikors, motivat tajjeb, għar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni maħruġ mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba ta' AB kontra l-klient tiegħek CD – fejn AB qed jallega li l-klient tiegħek qiegħed jibni fuq proprjeta` tiegħu, cioe` ta' AB – u għall-ħlas ta' penali.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

1. Inti gejt inkarigat mill-Qorti Kriminali biex tiddefendi ragel akkuzat li kkorrompa persuna taht l-eta`. Fl-ewwel inkontru mal-klient tieghek huwa jammetti mieghek li ghamel atti ta' libidini fuq il-persuna tal-minuri (li ghandha biss ghaxar snin), pero` jghidlek ukoll li ma jridx jammetti l-akkuza u li bi hsiebu jitla' jixhed u jghid li l-minuri qed tigdeb fir-rigward tieghu. Kif ghandek iggib ruhhek bhala avukat, kemm qabel il-guri kif ukoll waqt il-guri, fir-rigward tal-klient u ta' dak li qallek li jrid jaghmel, kif ukoll fir-rigward tal-minuri meta din tiehu l-pedana tax-xiehda? U b'mod partikolari fisser il-linja jew linji difensjonali li tkun etikament gustifikat li tipproponi.

2. X'ghandu jaghmel avukat malli: (a) jissuspetta li l-klient, li gie kemm-il darba ghal pariri ghandu, qed juza s-servizzi tieghu (inkluzi l-pariri li qed jircievi) ghal attivita` li tista' tkun kriminali, u (b) jinduna li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawza jew f'inkarigu partkolari?

3. AB jinfurmak li huwa ghandu kawza pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn qed jigi patrocinat mill-avukat XY. Huwa jallega li XY mhux biss mhux qed ihares sew l-interessi tieghu izda li sahansitra dawwar bi profitt ghalih somma ta' flus li l-istess AB kien fdalu biex jghaddiha lil terza persuna. AB jixtieqek tibda tippatrocinah u jrid ukoll li jittiehdu passi kontra XY. Fisser il-passi li inti ghandek tiehu f'dan il-kaz skond l-etika professjonali.

**Ezami ghall-Warrant ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 4 ta' April 2007**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'ohra fil-kaz ta' persuna bi bzonnijiet specjali, il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. Rikors fil-qorti kompetenti ghall-inabilitazzjoni ta' persuna li garrbet inkapacita` mentali wara operazzjoni li ghaliha ssottomettiet ruhha marret hazin.

II. L-att mehtieg ghal ritrattazzjoni ta' kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja.

III. Rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali maghmul mill-persuna offiza ghall-varjazzjoni ta' ordni ta' protezzjoni maghmul kontra l-akkuzat.

IV. L-att mehtieg sabiex wiehed jimpunja digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu gie michud rikors ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju ta' impediment ta' safar ta' bastiment.

V. Rikors, motivat tajjeb, quddiem il-Qorti ta' l-Appell li bih l-appellant jitlob li jressaq provi godda.

VI. Rikors fil-qorti kompetenti maghmul mid-derubat wara li l-hati ma ottemperax ruhhu ma' direttiva ta' kumpens inkluza f'sentenza ta' prigunerija sospiza - is-sentenza ta' prigunerija sospiza bid-direttiva ta' kumpens inghatat mill-Qorti Kriminali u giet ikkonfermata, wara appell maghmul mill-hati, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

1. Persuna tinkarigak biex tippatrocinaha quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Hija titressaq b'arrest u l-Qorti tilqa' t-talba taghha ghall-helsien minn l-arrest, b'numru ta' kundizzjonijiet fosthom dik ta' depositu ta' hames mitt (Lm500) lira bhala garanzija. Il-klijent jgharrfek li huwa ma' ghandux mezzi fuqu biex ihalsek dak il-hin, izda joffri li d-depositu li huwa jkun ser jaghmel jitpogga f'ismek, bhala l-avukat tieghu, sabiex fi tmiem il-proceduri inti tigbed l-istess favurik bhala hlas ghas-servizzi minnek rezi. X'inhuma l-kummenti tieghek dwar dina l-proposta tal-klijent?

2. Persuna li hija parti f'citazzjoni/rikors guramentat pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili titlob l-assistenza professjonali tieghek. Din il-persuna gia` kellha avukat iehor jippatrocinaha, izda bejn l-avukat precedenti u bejnha hemm kwistjoni dwar il-hlas tal-istess avukat. L-avukat precedenti ma' ghamilx dikjarazzjoni li l-klijent hallsu tas-servizzi tieghu u li ghalhekk jista' jinkariga avukat iehor. X'ghandu jaghmel il-klijent biex ikun jista' jinkariga lilek?

3. Fi proceduri kriminali fejn tintemm il-konfidenzjalita` u s-sigriet professjonali u tibda l-komplicita`?

**Ezami għall-Warrant ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 25 ta' Lulju 2007**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'ohra fil-kaz ta' persuna bi bzonnijiet specjali, il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat)**

## Parti A

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

1. L-atti mehtieg sabiex il-klient tieghek (i) isejjah lill-veditur fuq konvenju ghall-bejgh ta' villa sabiex jaddivjeni ghall-kuntratt relattiv u b'hekk izomm fis-sehh l-effett ta' dak il-konvenju, u (ii) f'kaz li l-venditur jonqos milli jaghmel il-bejgh, sabiex il-klient tieghek jikseb sentenza sabiex titwettaq il-weghda (il-villa tinsab fil-limiti tal-Mellieha, izda l-klient tieghek u l-venditur jirrisjedu t-tnejn Ghawdex).

2. Rikors fil-qorti kompetenti sabiex il-klienta tieghek tikseb ir-registrazzjoni f'Malta ta' decizjoni tar-Rota Rumana li, wara zewg sentenzi konfliggenti tat-tribunali ekklesiastici lokali, iddikjarat iz-zwieg taghha null minhabba simulazzjoni totali min-naha tar-ragel.

3. Rikors, ben motivat, li permezz tieghu il-klient tieghek jitlob li jinghata l-helsien mill-arrest pendenti l-ezitu ta' l-appell tieghu minn verdett ta' htija u sentenza ta' hdax-il sena priguneri ja moghtija mill-Qorti Kriminali.

4. L-att mehtieg fil-qorti kompetenti sabiex il-klient tieghek - sewwieq ta' xarabank tat-trasport pubbliku - jikseb dikjarazzjoni li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li permezz taghha giet revokata l-licenzja tas-sewqan tieghu kienet *ultra vires* u ghalhekk invalida, kif ukoll ghall-hlas ta' danni konsegwenzjali ghal dik id-decizjoni.

5. Rikors ta' appell mill-kwerelant wara li l-kwerelat gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-akkuza ta' ingurja taht l-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali ghax dik il-qorti rriteniet li l-azzjoni kienet preskritta bit-trapass ta' tliet xhur.

6. Rikors fil-qorti kompetenti f'Malta sabiex koppja mizzewga taddotta tifel ta' sena li ma hux il-wild naturali taghhom.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

1. Jekk avukat ikun imqabbad minn klijent li kellu avukat iehor qabel, x'inhuma d-doveri tat-"tieni" avukat ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dak dovut lill-"ewwel" avukat, u x'rwol tista' tassumi l-Kamra ta' l-Avukati fi kwistjoni simili?

2. Sa fejn jista' avukat "jippartecipa" fid-difiza ta' persuna li tammetti mieghu l-htija kriminali taghha, specjalment meta tkun involuta d-difiza ta' alibi?

3. Iddiskuti l-kuncett ta' "touting" kif ittrattat fil-Kodici ta' Ligijiet tal-Pulizija.

**Ezami ghall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Gimgha, 28 ta' Dicembru 2007**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'ohra fil-kaz ta' persuna bi bzonnijiet specjali, il-hin massimu biex wiehed iwieġeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

1. Ittra ufficjali biex tikseb titolu esekuttiv ghar-radd ta' self u rikors li bih titlob lill-Qorti kompetenti li tipprocedi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Il-fatti huma dawn: **A**, il-klient tieghek, silef lil **B** is-somma ta' hamest elef u seba' mitt lira (Lm5,700) (ekwivalenti ghal tlettax-il elf mitejn u sebgha u sebghin Euro) biex dan jixtri *pleasure boat*. **B** kellu jirrifondi s-somma kollha lura fi zmien erba' xhur, izda dan ma ghamlux. Is-self u z-zmien tar-radd lura gew registrati permezz ta' skrittura privata. L-ittra ufficjali giet debitament notifikata u **B** oppona t-talba biss fir-rigward ta' Lm400, li huwa qal li kien diga` rrifonda. Ghaddew aktar minn tliet snin u hames xhur minn mindu **B** wiegeb hekk, u **A** baqa' ma ha ebda passi biex jezegwixxi t-titolu li kellu.
2. Rikors mahluf biex tiftah azzjoni pawljana. X
3. Rikors ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali a nom tal-klient tieghek fuq dawn il-fatti: il-klient tieghek, **A**, gie ingurjat meta, waqt laqgha ta' konsultazzjoni tal-MEPA, qam **B** u ghajjru giddieb, halliel u korrott. **A** pprezenta kwerela u talab li jittiehdu proceduri kriminali kontra **B** ghal ingurja. Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali il-kawza tmexxiet bhala prosekuzzjoni privata. Il-Qorti Inferjuri, b'digriet moghti fl-istess gurnata li nghatat is-sentenza, cahdet talba tal-kwerelant biex jipproduci bhala xhieda diversi nies li kienu prezenti ghal dik il-laqgha ghax

irriteniet li kienet semghet bizzejjed provi, u lliberat lil **B** mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

4. Rikors sabiex il-klient tieghek jinheles mill-arrest ghax jirritjeni li qed jinzamm arrestat illegalment. Il-fatti huma dawn: huwa kien ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq akkuza ta' serq kwalifikat. Huwa ma kienx inghata l-helsien mill-arrest fil-pendenza ta' dawn il-proceduri. Fis-27 ta' Dicembru 2007 il-Qorti Inferjuri tat is-sentenza taghha u filwaqt li sabet lil-klient tieghek hati, ikkundannatu ghal piena ta' disa' xhur priguneríja sospizi ghal sentejn. Il-klient tieghek talab is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza bil-hsieb li jappella ghax deherlu li hu ma kellux jinstab hati. Il-Qorti Inferjuri laqghet it-talba. L-ufficjal prosekutur rega' baghat lill-klient tieghek il-habs.

5. Twegiba ghal rikors mahluf ghall-hlas tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata, b'kontro-talba ghal rimedju billi l-merkanzija kellha difetti redibitorji.

6. Talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija fi grad ta' appell sakemm tinqata' talba ghat-thassir tas-sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawża (ritrattazzjoni).

**<u>Parti B</u>**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

1) Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat digriet li permezz tieghu innominatek biex tiddefendi lill-imputat fil-kors ta' proceduri ta' kumpilazzjoni li kienu ilhom li bdew xi tliet xhur qabel. L-imputat jinfurmak li fil-bidu tal-kumpilazzjoni huwa kien qabbad avukat ta' fiducja li kien assistih ghal diversi udjenzi, izda, meta l-imputat qallu li ma setax ihallsu, dan irrinunzja ghall-patrocinju. Inti ghandek raguni ghax tahseb li l-impuat fil-fatt ghandu mezzi biex ihallas ghal avukat. X'ghandek taghmel biex inti tkun etikament korrett fil-konfront ta' l-avukat precedenti?

2) Gejt mistieden sabiex tippartecipa fi programm tar-radju fil-kapacita` tieghek ta' avukat, bid-diskussjoni li ghandha tkun wahda fejn inti taghti

biss informazzjoni dwar suggett maghzul. Ftit minuti qabel jibda l-programm il-prezentatur jinfurmak illi ser isiru telefonati mis-semmiegha biex "jaghmlulek mistoqsijiet". X'ghandha tkun il-posizzjoni tieghek dwar dan l-izvilupp?

3) Elenka, u ikkummenta fil-qosor dwar, l-erba' Principji Generali taht l-Ewwel Taqsima ta' l-ewwel kapitolu tal-Kodici ta' Etika u Mgieba ghall-Avukati, fir-rigward ta' kif ghandu jgib ruhu avukat.

# **Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn, 17 ta' Marzu 2008**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**Parti A**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

**1.** (a) Rikors fil-qorti kompetenti għall-ftuħ ta' testment sigriet, <u>u</u> (b) rikors fil-Qorti ta' l-Appell sabiex il-klijent tiegħek li qed jappella jiġi ammess għal-benefiċċju tal-garanzija bil-gurament flok ma jħallas il-kawtela.

**2.** Rikors, f'kawża ta' libell quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għar-riappuntament tal-kawża għas-smigħ fuq l-istess atti – il-kwerelat kien ġie illiberat għax il-klijent tiegħek, għalkemm debitament notifikat bid-data tas-smigħ tal-kawża, naqas li jidher għall-ewwel udjenza, u l-kwerelat talab li jiġi illiberat.

**3.** Rikors f'isem il-klijent tiegħek sabiex digriet tal-Pontefiċi Ruman *super matrimonio rato et non consummato* jiġi reġistrat għall-finijiet u effetti kollha ċivili mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**4.** L-atti meħtieġa sabiex tinbeda kawża ta' jattanza – f'dan il-każ il-klijent tiegħek, AB, irċieva protest ġudizzjarju mingħand CD li fih l-imsemmi CD qed jippretendi li għandu dritt ta' passaġġ bir-riġel minn fuq l-għalqa proprjeta` tal-klijent tiegħek.

**5.** Rikors fil-qorti kompetenti sabiex jinstemgħu xhieda tad-difiża qabel ma dawn iħallu Malta – il-klijent tiegħek, AB, jinsab taħt att ta' akkuża, diġa` preżentat quddiem il-Qorti Kriminali, fuq akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni, serq kwalifikat bil-valur, mezz u ħin u, bħala kap alternattiv għal dak ta' serq, riċettazzjoni.

6. Rikors fil-qorti kompetenti ghar-revoka, f'kollox jew f'parti minnu, ta' mandat ta' sekwestru. Il-klient tieghek, CD, huwa l-konvenut f'kawza ta' separazzjoni personali u l-attrici, AD, kisbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fis-somma ta' disgha u sittin elf Ewro in kawtela tal-pretensjonijiet taghha ghas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

1. Inti gejt inkarigat mill-Qorti Kriminali biex tiddefendi ragel akkuzat li kkorrompa, permezz ta' flus, ufficjal pubbliku biex dan johrog licenzja tas-sewqan bla ma l-klient tieghek ikun ghamel l-ezami mehtieg. Fl-ewwel inkontru mal-klient tieghek huwa jammetti mieghek li xahham lil dan l-ufficjal pubbliku pero` jghidlek ukoll li ma jridx jammetti l-akkuza u li bi hsiebu jitla' jixhed u jghid li kien l-ufficjal pubbliku li pproponielu l-ghoti ta' flus u li hu (il-klient tieghek) kien irrifjuta li jkollu x'jaqsam f'bicca xoghol bhal din. Kif ghandek iggib ruhhek bhala avukat, kemm qabel il-guri kif ukoll waqt il-guri, fir-rigward tal-klient u ta' dak li qallek li jrid jaghmel, kif ukoll fir-rigward tal-ufficjal pubbliku li nghata l-proklama biex ikun jista' jixhed? U b'mod partikolari fisser il-linja jew linji difensjonali li tkun etikament gustifikat li tipproponi.

2. AB jinfurmak li huwa ghandu kawza pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn qed jigi patrocinat mill-avukat XY. Huwa jallega li XY mhux biss mhux qed ihares sew l-interessi tieghu izda li sahansitra dawwar bi profitt ghalih somma ta' flus li l-istess AB kien fdalu biex jghaddiha lil terza persuna. AB jixtieqek tibda tippatrocinah u jrid ukoll li jittiehdu passi kontra XY. Fisser il-passi li inti ghandek tiehu f'dan il-kaz skond l-etika professjonali.

3. Iddiskuti l-kuncett ta' "touting" kif ittrattat fil-Kodici ta' Ligijiet tal-Pulizija.

# Ezami ghall-*Warrant* ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn, 28 ta' Lulju 2008**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'ohra fil-kaz ta' persuna bi bzonnijiet specjali, il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

1. L-att gudizzjarju mehtieg biex tibda kawza fil-qorti kompetenti gharrizarciment tad-danni fuq il-fatti li gejjin: il-klient tieghek AB, li jghix Ghawdex, kien involut f'incident awtomobilistiku fid-dahla tas-Sannat, Ghawdex, ma' vettura misjuqa min CD, li jghix Malta. Il-vettura lussuza ta' AB sofriet danni ammontanti ghal aktar min tnax-il elf euro. Minbarra dan, mart AB, li kienet passiggiera fil-karozza, sofriet lezjonijiet personali fil-habta u ghadha sal-lum paralizzata u tehtieg l-uzu ta' *wheel chair*.

2. Rikors ta' appell fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'isem il-klient tieghek fuq il-fatti li gejjin: il-klient tieghek, AB, hassu malafamat bi kliem li CD qal fil-konfront tieghu fil-pubbliku. AB pprezenta kwerela fil-Ghassa tal-Pulizija, u l-Pulizija Ezekuttiva harget citazzjoni ta' kawza privata kontra CD. Il-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati tmexxiet mill-kwerelant. Ghalkemm dik il-Qorti sabet lil CD hati tar-reat ta' ingurja kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali, hija kkundannatu ghall-piena ta' canfira u naqset milli tiddeciedi fuq l-ispejjez skond l-Artikolu 380(1) ta' l-imsemmi Kodici.

3. Rikors fil-qorti kompetenti maghmul mid-derubata wara li l-hati ma ottemperax ruhhu ma' direttiva ta' kumpens inkluza f'sentenza ta' prigunerija sospiza – is-sentenza ta' prigunerija sospiza bid-direttiva ta' kumpens inghatat mill-Qorti Kriminali, u minn dik is-sentenza ma kienx hemm appell.

4. (i) Rikors ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll (ii) rikors ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata pendenti l-ezitu tar-ritrattazzjoni.

5. L-att gudizzjarju meħtieġ fil-qorti kompetenti sabiex il-klient tiegħek – li hu l-attur f'kawża ta' separazzjoni personali – jitlob lill-qorti ta' l-ewwel grad tgħaddi għad-deċiżjoni ta' waħda mit-talbiet minnu proposti li dik il-qorti ħalliet barra fis-sentenza tagħha.

6. Rikors ta' *challenge* lill-Pulizija a nom tal-klient tiegħek, AB, sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tordna lill-istess Pulizija jmexxu kontra CD (li huwa kuntistabbli) fuq denunzja magħmula minn AB li hu u tliet persuni oħra kienu raw lill-imsemmi CD jaggredixxi u jsawwat terza persuna.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. Ġejt avviċinat minn persuna li hi interessata tixtri proprjeta` li l-klient tiegħek irid ibiegħ. Il-partijiet jaslu għal ftehim ta' bejgħ bis-saħħa tal-intervent tiegħek bħala avukat. Fuq l-att tal-bejgħ tiġi offerta senserija mill-kompratur u l-venditur. X'inhi l-pożizzjoni ta' avukat vis-a-vis l-offerta tas-senserija f'sitwazzjoni simili? X'timplika jew x'tista' timplika tali offerta mill-punto di vista ta' etika?

2. Fil-kors tal-proċedura ta' medjazzjoni jsiru diversi laqgħat bejn il-konjuġi u l-avukati tagħhom bil-għan li jintlaħaq ftehim bonarju li jista' jwassal għal kuntratt ta' separazzjoni. Waqt dawn it-trattativi, li saru bla preġudizzju, il-partijiet jiskambjaw bosta informazzjoni dwar l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Ftehim ma jintlaħaqx u għalhekk il-partijiet ikollhom jgħaddu għall-kontenzjuż. X'użu jistgħu, jekk jistgħu, jagħmlu l-avukati fil-kawża mill-informazzjoni li huma kisbu fil-kors tal-laqgħat li kienu saru u dokumenti li ġew skambjati? Ikkummenta.

3. Sa fejn jista' avukat "jipparteċipa" fid-difiża ta' persuna li tammetti miegħu li hija ħatja tar-reat li tinsab akkużata bih, speċjalment meta tkun involuta d-difiża ta' "alibi"?

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn, 29 ta' Diċembru 2008**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. Rikors ġuramentat għal ġudizzju ta' jattanza, fejn l-attur jallega li l-konvenut b'ittra uffiċjali ippretenda li huwa kreditur ta' l-attur.

2. Rikors ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali f'isem il-klijent tiegħek (il-kwerelant) wara li l-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-kwerelat (editur ta' gazzetta) mill-imputazzjoni ta' malafama permezz ta' stampat għax irriteniet li l-azzjoni kienet estinta.

3. Rikors għall-ħruġ ta' mandat *in factum* kontra AB wara li l-klijent tiegħek kiseb sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell, li biha l-imsemmi AB ġie ordnat iħott ħajt li huwa kien bena fuq il-proprjetà tal-klijent tiegħek.

4. Rikors ġuramentat biex tiftaħ azzjoni pawljana.

5. L-att meħtieġ li bih titlob li sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Ruma tiġi eżegwita f'Malta skond in-normativa tal-Unjoni Ewropea (permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Ruma, il-klijent tiegħek, ċittadin Olandiż, ġie kanonizzat kreditur ta' soċjetà reġistrata fl-Italja, iżda li għandha assi f'Malta, fis-somma ta' nofs miljun euro).

6. Rikors għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet.

**<u>Parti B</u>**

Irrispondi mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. X'għandu jagħmel avukat malli: (i) jissuspetta li l-klijent li qed jippatroċina qed juża s-servizzi tiegħu għal attività li tista' tkun

kriminali; (ii) jinduna li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawża jew f'inkarigu partikolari?

3. X'differenza hemm bejn l-etika in ġenerali u l-etika professjonali? Agħti eżempji.

# Ezami ghall-Warrant ta' Prokuratur Legali

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgha, 15 ta' April 2009**

**It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'ohra fil-kaz ta' persuna bi bzonnijiet specjali, il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal Parti A kif ukoll ghal Parti B hu ta' tliet sighat.**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

I. Rikors, ben motivat, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest mill-gdid pendenti l-proceduri lill-klient tieghek. Dan jinsab akkuzat bi traffikar ta' droga, u xahar ilu gie riarrestat wara li nstab barra mid-dar tieghu wara l-hin stipulat fid-digriet li bih kien originarjament inghata l-helsien mill-arrest.

II. Cedola ta' depozitu ghall-fidi ta' cens.

III. Rikors, motivat tajjeb, quddiem il-Qorti ta' l-Appell li bih l-appellat jitlob li jressaq provi godda.

IV. Rikors ta' *challenge* lill-Pulizija a nom tal-klienta tieghek, AB, sabiex il-Qorti tal-Magistrati tordna lill-istess Pulizija jmexxu kontra CD, Spettur tal-Pulizija, fuq denunzja maghmula minn AB u tliet persuni ohra li huma raw lil CD jaggredixxi u jsawwat zaghzugh li kien fis-sakra fin-Nadur, Ghawdex.

V. Rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

VI. Ittra ufficjali biex taghmel ezegwibbli titolu gej minn kambjala.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li gejjin:

I. L-Artikolu 30 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bhala ufficjali tal-qorti". X'jimplika, mil-lat ta' etika professjonali u ta' doveri u drittijiet, li prokuratur legali jkun "ufficjal tal-qorti"?

II. X'tifhem bis-"sigriet professjonali"? Dan is-sigriet ghandu xi limiti? X'inhi d-differenza bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalita`"; spjega kif dawn il-kuncetti japplikaw fir-relazzjonijiet bejn il-prokuratur legali u l-avukat li mieghu huwa jahdem.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2009**

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati biex issir:

1. talba għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek jgħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' jedd imħares taħt il-Konvenzjoni.

2. (a) talba biex il-klijent tiegħek jingħata fakoltà li jappella minn dikriet interlokutorju u (b) appell minn dikriet interlokutorju wara li tkun ingħatat il-fakoltà biex isir l-appell.

3. (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala werriet jiġi kundannat iħallas legat imħolli lill-attur fit-testment tal-mejjet; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex l-attur jikkonsenja lill-klijent tiegħek ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu f'idejh.

4. talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju maħruġ kontra l-klijent tiegħek, b'talba għall-ħlas ta' danni u penali.

5. talba biex appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) jitqiegħed mill-ġdid fuq il-lista sabiex jinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li dan l-appell kien ġie dikjarat deżert billi l-klient tiegħek, Joseph Borg, għalkemm apparentement notifikat b-avviż tas-smigħ ma kienx deher għall-udjenza.

6. talba sabiex il-klijent tiegħek, Michael Borg, li kien aċċetta li joqgħod bħala pleġġ fis-somma ta' €12,000 biex Joseph Vella jkun jista' jingħata l-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-proċeduri kontra tiegħu, jinħeles minn din il-pleġġerija. Vella jinsab akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bi traffikar ta' persuni, li għex f'kollox jew in parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni tas-sieħba tiegħu, u li hu reċidiv.

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat dikriet li bih ordnatlek tiddefendi l-akkużat f'kumpilazzjoni kriminali. L-akkużat għadu ma ħallasx lill-avukat li kien jippatroċinah qabel għax għandu xi problema mal-istess avukat dwar ħlasijiet. X'għandek tagħmel biex inti tkun etikament korrett lejn l-avukat l-ieħor?

2. Ġejt mistieden sabiex fil-kapaċità tiegħek ta' avukat tieħu sehem fi progamm tar-radju li fih is-sehem tiegħek għandu jkun illi inti tagħti biss tagħrif dwar materja magħżula. Ftit tal-ħin qabel jibda l-programm il-preżentatur igħidlek illi sejrin isiru telefonati mis-semmigħa biex jitolbuk pariri legali. X'għandha tkun il-pożizzjoni tiegħek dwar dan l-iżvilupp?

3. Fisser u ikkummenta dwar il-Prinċipji Ġenerali taħt l-Ewwel Taqsima ta' l-Ewwel Kapitolu tal-Kodiċi ta' Etika u Mġieba għall-Avukati, dwar kif għandu jġib ruħu avukat.

# Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

## (Parti bil-miktub)

## L-Erbgħa 30 ta' Diċembru 2009

## 9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.*

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

### Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. (a) talba għat-tħassir ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u s-smigħ mill-ġdid ta' kawża (ritrattazzjoni) minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); u (b) talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

2. kawża għall-firda personali bejn il-miżżewġin li għandhom ulied minorenni; il-klijenta tiegħek hija l-mara.

3. (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala kerrej jiġi kundannat iħallas arretrati ta' kera; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex l-attur bħala sid il-kera jagħmel tiswijiet fil-fond mikri.

4. (a) ittra uffiċjali għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq biex jinkiseb titolu esekuttiv taħt l-art. 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u (b) ittra uffiċjali biex issejjaħ lil min għamel wegħda ta' bejgħ ta' immobbli lill-klijent tiegħek sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

5. talba minn komproprjetarji li flimkien għandhom aktar min-nofs tal-valur tal-ishma biex tinbigħ proprjetà komuni taħt l-art. 495A tal-Kodiċi Ċivili.

6. rikors ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex il-klijent tiegħek, li nstab ħati ta' żewġ imputazzjonijiet u mhux ħati ta' żewġ imputazzjonijiet oħra, jappella mis-sejbien ta' ħtija dwar waħda miż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 7 ta' April 2010**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. (a) oppożizzjoni għal talba magħmula minn kap ta' dipartiment tal-gvern b'att ġudizzjarju taħt l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-ħlas ta' kreditu pretiż mid-dipartiment u kontestat mill-klijent tiegħek; u (b) appell minn taxxa ta' dritt ta' perit ġudizzjarju.

2. tweġiba b'rikonvenzjoni għal rikors maħluf kontra l-klijent tiegħek għal danni f'inċident tat-triq.

3. (a) talba biex il-qorti tqis mill-ġdid id-dikriet tagħha li bih ċaħdet is-sejħa ta' terzi fil-kawża; u (b) kapitoli għas-subizzjoni ta' konvenut li ma deherx għas-smigħ tal-kawża.

4. talba għall-bejgħ ta' proprjetà soġġetta għal ipoteka li tinsab f'idejn terz pussessur. Ehmeż mal-att kopja tal-protesti ipotekarji meħtieġa biex tkun tista' ssir dik it-talba.

5. talba minn pussessur li ġie molestat fit-tgawdija sabiex jinżamm fil-pussess tal-ħaġa.

6. appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali f'isem il-klijent tiegħek (il-kwerelant) wara li l-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-kwerelat (editur ta' gazzetta) mill-imputazzjoni ta' malafama permezz ta' stampat għax irriteniet li l-azzjoni kienet estinta.

**Taqsima B**

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. Inti ġejt imqabbad mill-Qorti Kriminali biex tiddefendi reġel mixli b'omiċidju volontarju. Fl-ewwel laqgħa mal-klijent tiegħek huwa jammetti miegħek li qatel għax ried ipattiha lill-vittma minħabba kwistjoni li kellhom dwar jedd ta' mogħdija fuq għalqa. Il-klijent tiegħek igħidlek ukoll illi ma jridx jammetti l-ħtija u li bi ħsiebu jwaħħal f'persuna oħra li wkoll kellha xi tgħid mal-mejjet iżda li ma kellha ebda sehem fl-omiċidju. L-attijiet tal-kumpilazzjoni juru illi għal xi żmien il-pulizija esekuttiva kellha suspetti f'din il-persuna l-oħra.

   Kif għandek iġġib ruħek bħala avukat, kemm qabel u kemm waqt il-ġuri, quddiem il-klijent tiegħek, ukoll fid-dawl ta' dak li qallek li jrid jagħmel, u quddiem il-persuna l-oħra li inti taf (għax hekk qallek il-klijent tiegħek) li ma kellhiex x'taqsam mal-qtil? Fisser partikolarment il-linja jew linji ta' difiża li tkun etikament ġustifikat li tipproponi.

3. L-art. 30 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bħala uffiċjali tal-qorti". Xi jġib miegħu għall-etika professjonali u għad-dmirijiet u d-drittijiet ta' avukat li huwa jkun "uffiċjal tal-qorti"?

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ġimgħa 30 ta' Lulju 2010**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. talba għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek qiegħed igħid illi nkiser il-jedd tiegħu għal-libertà ta' espressjoni.

2. (a) talba biex il-klijent tiegħek jikseb lura l-pussess ta' proprjetà tiegħu li tinsab f'idejn ħaddieħor li qiegħed iżommha mingħajr titolu li jiswa fil-liġi; u (b) talba għal rimedju kawtelatorju biex dak li qiegħed iżomm il-proprjetà ma jiddisponi minnha b'ebda mod.

3. (a) talba għat-tħassir ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża (ritrattazzjoni) minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); u (b) talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

4. appell kontra dikjarazzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija kontra l-klijent tiegħek minn qorti fl-Italja.

5. (a) talba għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet u (b) talba biex il-klijent tiegħek li ġie diżeredat mingħajr raġuni tajba jingħata l-porzjoni riservata li tmiss lilu.

6. appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klijent tiegħek ħati ta' approprjazzjoni indebita u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal tmintax-il xahar; il-klijent jixtieq illi jappella kemm mis-sejbien ta' ħtija kif ukoll mill-piena.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

(Parti bil-miktub)

L-Erbgħa 29 ta' Diċembru 2010

9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.*

(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin totali biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati biex issir:

1. talba għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek igħid illi kien imċaħħad mill-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fi proċeduri ċivili li fihom kien attur u li nqatgħu kontra tiegħu.

2. (a) talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex persuna tinżamm milli tkompli tagħmel atti ta' konkorrenza illeċita u (b) kawża biex jintalab rimedju kontra min għamel atti ta' konkorrenza illeċita.

3. (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek iħallas għas-servizz li ingħata meta l-klijent tiegħek kien mar għand dentist għax kellu darsa mħassra iżda d-dentist bi żball qala' darsa oħra; wara qala' wkoll id-darsa mħassra iżda l-klijent tiegħek ma riedx iħallas u għalhekk saret il-kawża kontrih; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex il-klijent tiegħek jitlob id-danni talli nqalgħetlu darsa b'oħra.

4. appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba tal-klijent tiegħek biex jintraddlu l-pussess ta' immobbli li jgħid illi huwa proprjeta tiegħu.

5. (a) talba għar-reġistrazzjoni ta' sentenza ta' nullità ta' żwieġ mogħtija mit-Tribunal Ekkleżjastiku; u (b) talba għal-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

6. appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha dik il-Qorti sabet lill-klient tiegħek ħati ta' omiċidju involontarju f'inċident stradali iżda ma sabitux ħati ta' sewqan perikoluż.

## PARTI B

Wieġeb mistoqsija wahda biss minn dawn li ġejjin:

7. F'liema ċirkostanzi jista' avukat jippatroċina klient li qabel kien patroċinat minn avukat ieħor u x'għandu jagħmel l-avukat li ġie avviċinat mill-klient f'każ illi ma hemmx kunsens mill-avukat preċedenti u hemm kwistjoni urġenti x'tiġi ttrattata?

......./P.T.O.

8. Iddeskrivi l-privileġġ ta' kunfidenzjalita' li jgawdu l-klienti ta' avukati fil-kuntest tal-limiti tas-sigriet professjonali, jekk tali limiti jeżistu.

9. "L-ewwel dmir tal-avukat hu lejn il-klient u mhux lejn il-Qorti". Iddiskuti din il-proposta kemm fil-kuntest tal-qrati ċivili kif ukoll dawk kriminali.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 27 ta' April 2011**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

<u>Parti A</u>

Wieġeb għal <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. (a) Ċedola ta' tpaċija u rikors għall-approvazzjoni tat-tpaċija wara li l-offerta tal-klijent tiegħek, li għamel offerta *animo compensandi*, kienet l-ogħla offerta f'bejgħ *sub hasta* ta' proprjetà immobbli; u (b) rikors għall-ftuħ ta' konkors ta' kredituri.

2. Rikors ta' appell għar-riforma ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi, għalkemm ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-parti l-oħra, laqgħet eċċezzjoni oħra fil-meritu u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-klijent tiegħek li qiegħed jitlob rimedju wara li kien korra meta ntlaqat minn karrozza misjuqa mill-parti l-oħra.

3. Rikors biex jitħassar mandat kawtelatorju ta' sekwestru maħruġ kontra l-klijent tiegħek jew, alternativament, biex tingħata garanzija għall-ħlas ta' penali, danni u mgħax.

4. L-atti meħtieġa biex tiftaħ azzjoni pawljana.

5. L-att mehtieġ biex issir talba għal rimedju taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek igħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' jedd imħares taħt il-Konvenzjoni.

6. Rikors tal-appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klient tiegħek mhux ħati ta' serq aggravat bil-mezz u ta' ħsara volontarja u kkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija mentri l-klient tiegħek jippretendi li kellu jiġi liberat minn kull ħtija u piena.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. Sa fejn jista', jekk jista', avukat jagħti pubbliċità lill-operat professjonali tiegħu?

3. L-art. 30 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bħala uffiċjali tal-qorti". Xi jġib miegħu għall-etika professjonali u għad-dmirijiet u d-drittijiet ta' avukat li huwa jkun "uffiċjal tal-qorti"?.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2011**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**Parti A**

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-atti meħtieġa biex tiftaħ *actio debitor debitoris mei*.
2. (a) l-atti meħtieġa biex tifdi ċens perpetwu; u (b) l-att meħtieġ biex l-ex-direttarju jiżbanka l-prezz tal-fidwa.
3. l-att meħtieġ biex isir appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi, għalkemm laqgħet it-talba tal-attur, klijent tiegħek, għal dikjarazzjoni illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal danni li ġarrab il-klijent tiegħek bi ħtija tal-konvenut, illikwidat id-danni f'somma anqas milli, fil-fehma tal-klijent tiegħek, kellha tkun.
4. l-atti meħtieġa biex tiftaħ kawża ta' jattanza għax il-klijent tiegħek jgħid illi l-konvenut b'ittra uffiċjali ippretenda illi huwa s-sid ta' proprjetà li tinsab f'idejn l-attur.
5. l-att meħtieġ biex issir talba lill-Qorti tal-Appell biex tagħmel referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
6. l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek, li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nstab ħati ta' żewġ imputazzjonijiet u mhux ħati ta' żewġ imputazzjonijiet oħra, jagħmel appell mis-sejbien ta' ħtija dwar waħda miż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati u biex titnaqqas il-piena.

**Parti B**

Wieġeb għal mistoqsija waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. Jekk avukat isir jaf illi klijent li qiegħed jippatroċina kien ippatroċinat minn avukat ieħor qablu fuq l-istess kwistjoni, x'għandu jagħmel? Jagħmel differenza jekk il-każ ikun ta' urġenza, bħal meta jkun sejjer jagħlaq iż-żmien biex jiġi preżentat xi att?

2. Meta avukat jidhirlu illi l-qorti ma hijiex tagħti konsiderazzjoni xierqa għal xi sottomissjoni jew talba li jkun għamel, x'għandu jagħmel l-avukat?

3. "Avukat ma għandux jipprattika l-kummerċ." Iddiskuti din il-proposta fid-dawl tal-obbligi etiċi applikabbli.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ġimgħa, 27 ta' April 2012**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Wieġeb għal <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-att meħtieġ biex tiftaħ *actio pauliana*.
2. l-att meħtieġ biex jintalab rimedju għax il-klijent tiegħek igħid illi fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma ngħatax smigħ xieraq, bi ksur tad-dispożizzjonijiet relativi tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.
3. l-att meħtieġ biex tiddefendi azzjoni li fiha qiegħed jintalab l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek minn fond urban wara li għalaq it-titolu ta' enfitewsi temporanja li kellu fuq il-fond.
4. l-att meħtieġ biex jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex il-ġâr tal-klijent tiegħek jiġi miżmum milli jagħmel xogħlijiet fuq il-ħajt diviżorju.
5. l-att meħtieġ biex issir tweġiba ta' appell u appell inċidentali minn sentenza li ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-attur għal dikjarazzjoni ta' responsabilità u likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Il-konvenut appella miċ-ċaħda tal-eċċezzjoni u l-attur – il-klijent tiegħek – jixtieq jappella inċidentalment għax jidhirlu illi d-danni kellhom jiġu likwidati f'somma akbar.
6. l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek, li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nstab ħati ta' żewġ imputazzjonijiet u mhux ħati ta' żewġ imputazzjonijiet oħra, jagħmel appell mis-sejbien ta' ħtija dwar waħda miż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati u biex titnaqqas il-piena.

**<u>Parti B</u>**

Wieġeb għal mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

# Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

## (Parti bil-miktub)

### It-Tnejn 30 ta' Lulju 2012

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Wieġeb għal <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-att meħtieġ biex kreditur iħassar negozju li bih id-debitur tiegħu b'qerq inaqqas il-patrimonju tiegħu għad-dannu tal-istess kreditur.
2. l-att meħtieġ biex jintalab rimedju għax il-klijent tiegħek igħid illi saret [illegible] kontra tiegħu fit-tgawdija tal-jedd tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu, bi ksur tad-dispożizzjonijiet relativi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.
3. l-att meħtieġ biex tiddefendi azzjoni li fiha qiegħed jintalab illi l-klijiet tiegħek jiġi kundannat irodd flus mislufa lilu u jħallas l-imgħaxijiet relativi għax il-klijent igħid illi s-self sar b'użura.
4. l-att meħtieġ biex jintalab it-tħassir ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru maħruġ kontra l-klijent tiegħek għax il-klijent igħid illi hemm raġunijiet tajba għala l-mandat ma jibqax fis-seħħ.
5. l-att mehtieġ biex isir appell minn sentenza illi, għalkemm ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut, ċaħdet ukoll it-talba tal-attur, klijent tiegħek, għall-ħlas tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata għax sabet illi l-merkanzija ma kinitx tal-kwalità miftiehma.
6. l-att meħtieġ biex isir appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li illiberat lill-klijent tiegħek minn imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-valur iżda sabitu ħati ta' approprjazzjoni bla jedd, u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal tmintax-il xahar.

**<u>Parti B</u>**

Wieġeb għal mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.
2. F'liema ċirkostanzi jista' avukat jippatroċina klijent li qabel kien patroċinat minn avukat ieħor u x'għandu jagħmel l-avukat li ġie avviċinat

mill-klijent f'każ illi ma hemmx kunsens mill-avukat preċedenti u hemm kwistjoni urgenti x'tiġi ttrattata?

3. "Avukat dejjem għandu jġib ruħu ta' avukat" – Iddiskuti dan it-tema b'referenza għad-dritt ta' ħajja privata u ta' min ikun jeżercita funzjonijiet bħal ma huma dawk kummerċjali.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn 21 ta' April 2014**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. talba biex issir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha għax il-klijent tiegħek igħid illi ġarrab ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu kif ukoll illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' dak il-jedd.
2. (a) talba biex kawża deċiża b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tinstema' mill-ġdid wara li titħassar dik is-sentenza għax applikat il-liġi ħażin u fiha hemm disposizzjonijiet kontra xulxin; u (b) talba biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.
3. tweġiba għal azzjoni li fiha qiegħed jintalab l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek minn fond urban wara li għalaq it-titolu ta' enfitewsi temporanja li kellu fuq il-fond.
4. talba biex jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex negozjant jinżamm milli jagħmel atti ta' konkorrenza illeċita bi ħsara għall-jeddijiet tal-klijent tiegħek.
5. appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi ikkundannat lill-klijent tiegħek iħallas €50,000 prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata għax il-klijent tiegħek igħid illi (i) il-bejgħ ma sarx lilu iżda lil soċjetà kummerċjali minnu rappreżentata, (ii) il-merkanzija ma kinitx tal-kwalità miftiehma u (iii) il-prezz mitlub huwa esaġġerat.
6. appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal xahrejn priġunerija għax naqas milli jħallas lil martu s-somma stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni personali bħala manteniment għaliha u għal uliedhom.

## Taqsima B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. Sa fejn jista', jekk jista', avukat jagħti pubblicità lill-uffiċċju professjonali tiegħu?

3. X'għandu jagħmel avukat malli: (i) jissuspetta li l-klijent li qed jippatroċina qed jużа s-servizzi tiegħu għal attività li tista' tkun kriminali; (ii) jintebah li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawża jew f'inkarigu partikolari?

**Eżami tal-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju, 2014**

**9.00 a.m. – 12. 00 p.m.**

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha fl-ilsien Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' xi kandidat bi ħtiġijiet speċjali, l-ħin mogħti biex twieġeb kemm parti A u kif ukoll parti B ikun ta' tliet sigħat)**

**Parti A**

**Wieġeb għal tlieta (3) biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti ġudizzjarji kif hawn taħt mitlub:**

1. L-att meħtieġ għal tweġiba b'rikonvenzjoni għal Rikors Maħluf kontra l-klijent tiegħek għal danni wara ħabta bejn vetturi.

2. (a) L-att ġudizzjarju meħtieġ għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq biex jinkiseb titolu eżekuttiv skond l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) l-att ġudizzjarju meħtieġ biex min wiegħed li jbiegħ immobbli lill-klijent tiegħek jissejjaħ ħalli jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

3. L-att meħtieġ biex jitressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali f'isem il-kwerelant wara li sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħelset lill-kwerelat mill-imputazzjoni ta' malafama għax sabet li l-azzjoni kienet waqgħet bil-preskrizzjoni.

4. L-att ġudizzjarju meħtieġ għal kawża ta' firda personali, ħlas ta' manteniment u żamma ta' kustodja ta' wild minuri minħabba li żewġ il-klijenta tiegħek telaqha bla raġuni tajba u beda relazzjoni ma' ħaddieħor.

5. L-att ġudizzjarju meħtieġ biex wieħed jappella minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali wara li dan qatagħha li l-kumpannija klijenta tiegħek

kienet keċċiet mill-impieg waħda mill-impjegati mhux għal raġuni tajba u suffiċjenti.

6. (a) L-att ġudizzjarju meħtieġ biex jintalab il-ftuħ ta' suċċessjoni ta' persuna li mietet mingħajr ma ħalliet testment; u (b) l-att meħtieġ quddiem il-Qorti kompetenti biex jintalab il-ftuħ ta' testment sigriet.

**Parti B**

**Wieġeb għal <u>waħda</u> (1) biss minn din it-taqsima.**

1. X'jgħid il-Kodiċi ta' Etika u Mġiba għallAvukati dwar avukat li jxandar il-prattika professjonali tiegħu fil-*media*? Safejn jista' jsir dan, u x'sehem għandha l-Kamra tal-Avukati f'ċirkostanzi bħal dawn?

2. X'imissu jagħmel avukat malli jissuspetta li klijent tiegħu qiegħed jinqeda bil-pariri u s-servizzi legali tiegħu għal attivita' illegali?

3. Semmi u fisser fil-qosor l-erba' Prinċipji Ġenerali taħt l-ewwel taqsima tal-Kodiċi ta' Etika u Mġiba għall-Avukati dwar kif imissu jġib ruħu avukat.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Wieġeb għal <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-atti meħtieġa biex titlob it-tħassir, fl-interess ta' kreditur, ta' kuntratt ta' trasferiment favur terzi ta' proprjetà tad-debitur li sar b'qerq tal-jeddijiet tal-kreditur.

2. l-atti meħtieġa biex (a) tifdi ċens perpetwu rivedibbli; u (b) biex l-*ex*-direttarju jiżbanka l-prezz tal-fidwa. Fisser ukoll x'effett ikollha l-fidwa fuq (i) servitù ta' mogħdija li tolqot il-proprjetà mifdija u (ii) obbligazzjoni, stipulata fil-kuntratt oriġinali li bih inħolqot l-enfitewsi, biex isiru benefikati fuq l-istess proprjetà.

3. (a) tweġiba għal talba għat-tħassir ta' sentenza ta' żgumbrament favur il-klijent tiegħek mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); u (b) tweġiba għal talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

4. (a) ittra ġudizzjarja għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq biex jinkiseb titolu esekuttiv taħt l-art. 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u (b) ittra ġudizzjarja biex issejjaħ lil min għamel wegħda ta' bejgħ ta' immobbli lill-klijent tiegħek sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

5. l-att meħtieġ biex issir talba għal rimedju għax il-klijent tiegħek igħid illi nkiser il-jedd tiegħu għat-tgawdija ta' ħwejġu mħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

6. appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal xahrejn priġunerija għax naqas milli jħallas lil martu s-somma stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni personali bħala manteniment għaliha u għal uliedhom.

ikompli

**Parti B**

Wieġeb għal mistoqsija wahda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitjiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. Sa fejn jista', jekk jista', avukat jagħti pubblicità lill-uffiċċju professjonali tiegħu?

3. X'għandu jagħmel avukat jekk klijent jitolbu jappella minn sentenza kontra tiegħu għalkemm il-klijent stess jaf illi ma għandux raġun u l-appell irid jagħmlu biss biex jaħli ż-żmien u jivvessa lill-parti l-oħra?

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ħamis 30 ta' Lulju 2015**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek, sid ta' fond residenzjali li kien mogħti b'enfitewsi għal żmien, għamel kawża għall-iżgumbrament tal-*ex*-enfitewta meta għalaq iċ-ċens. Il-konvenut ressaq eċċezzjoni illi issa għandu titolu ta' kiri taħt l-art. 12(2) tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar. Il-klijent tiegħek igħid illi l-konverżjoni ta' enfitewsi f'kiri tikser il-jedd tiegħu għat-tgawdija ta' ħwejġu mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jingħata rimedju xieraq.

2. Ħejji (a) l-att meħtieġ biex issir talba għat-tħassir ta' sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu kontra il-klijent tiegħek, konvenut, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); u (b) talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

3. Ħejji l-att meħtieġ biex kreditur ta' kumpannija li ma ħallsitx id-dejn tagħha jitlob illi l-istess kumpannija tiġi xolta u stralċjata.

4. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell minn sentenza li ikkundannat lill-klijent tiegħek, konvenut, jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur f'inċident tat-triq meta ntlaqat minn vettura misjuqa mill-klijent tiegħek.

5. Il-klijent tiegħek inżamm b'mandat ta' inibizzjoni milli jkompli jagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq proprjetà kontestata. Fl-istat li qiegħda meta twaqqfu x-xogħlijiet, il-kostruzzjoni qiegħda ssirilha ħsara u l-klijent tiegħek jixtieq ikompli x-xogħlijiet biex ma tkomplix tikber il-ħsara. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jitlob rimedju.

6. Il-klijent tiegħek, vittma ta' reat, għamel kwerela biex il-pulizija esekuttiva tmexxi kontra l-persuna indikata minnu bħala l-ħati, iżda l-pulizija baqgħet ma għamlet xejn. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jingħata rimedju.

**Parti B**

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitjiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. Is-Sur Borg kellu kwistjoni fuq negozju u, wara li ħa l-parir ta' avukat, iddeċieda li jiftaħ kawża. Qabel ma ippreżenta l-kawża l-avukat għarraf lis-Sur Borg illi d-dritt tiegħu sejjer ikun ogħla minn dak li tagħti t-tariffa meħmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, bla ma iżda qallu kemm, u s-Sur Borg aċċetta. Talbu wkoll depożitu qabel ma jibda l-kawża. Is-Sur Borg ħallas id-depożitu u għamel ukoll ħlasijiet oħra kull meta talbu l-avukat waqt li kienet miexja l-kawża. Meta l-kawża nqatgħet l-avukat ippreżenta l-kont tiegħu li kien jgħid biss x'kien il-bilanċ dovut, bla ma juri fid-dettall il-prestazzjonijiet li għalihom intalab il-ħlas. Is-Sur Borg talab *breakdown* iżda din ma ngħatatx. Kellem avukat ieħor li qallu illi s-somma mitluba bħala dritt kienet esaġġerata u mhux raġonevoli. Issa ġie għandek u qiegħed jitlob il-parir tiegħek dwar kif għandu jimxi. X'inhu l-parir tiegħek?

3. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ħamis 14 ta' Jannar 2016**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Ħejji l-att meħtieġ biex issir talba għal rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] għax il-klijent tiegħek igħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' jedd imħares taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

2. Ħejji appell kontra dikjarazzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija kontra l-klijent tiegħek minn qorti fl-Italja.

3. Ħejji (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala werriet jiġi kundannat iħallas legat imħolli lill-attur fit-testment tal-mejjet; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex l-attur jikkonsenja lill-klijent tiegħek ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu f'idejh.

4. Ħejji l-att meħtieġ biex issir talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru maħruġ kontra l-klijent tiegħek jew, alternativament, biex tingħata garanzija għall-ħlas ta' penali, danni u mgħax.

5. Ħejji l-atti meħtieġa biex issir (a) talba għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet u (b) talba biex il-klijent tiegħek li ġie diżeredat mingħajr raġuni tajba jingħata l-porzjoni riservata li tmiss lilu.

6. Ħejji appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klijent tiegħek ħati ta' approprjazzjoni bla jedd u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal tmintax-il xahar.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek kien b'deċiżjoni finali ta' qorti kompetenti nstab ħati ta' reat kriminali. Sussegwentement inkixef fatt ġdid li juri konklużivament illi ma kienx ħati. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

2. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'avviż illi proprjetà immobbli tiegħu hija meħtieġa għal skop pubbliku u sejra tiġi akkwistata mill-gvern. Hu ma jaqbilx illi l-proprjetà hija tassew meħtieġa għal skop pubbliku. Ħejji l-att meħtieġ biex issir kontestazzjoni tal-iskop pubbliku.

3. Il-klijent tiegħek daħal fi ftehim ta' wegħda ta' bejgħ-u-xiri (konvenju) biex jixtri proprjetà immobbli. Issa sar jaf illi, għalkemm il-konvenju għadu fis-seħħ, il-bejjigħ imwiegħed bigħ il-proprjetà lil ibnu (iben il-bejjigħ), b'kuntratt li x'aktarx hu donazzjoni simulata bħala bejgħ, biex jaħrab mill-obbligazzjoni li jbigħ l-istess proprjetà lill-klijent tiegħek. Ħejji l-atti kollha meħtieġa sabiex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

4. Ħejji l-att meħtieġ biex twieġeb għal azzjoni li fiha qiegħed jintalab l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek minn fond urban wara li għalaq it-titolu ta' enfitewsi temporanja li kellu fuq il-fond.

5. Saret talba biex tiġi esegwita kontra klijent tiegħek sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Ruma li ikkundannatu jħallas il-prezz ta' merkanzija li kien xtara mingħand il-kreditur kanonizzat. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikkontesta t-talba.

6. Il-klijent tiegħek, student tal-liġi, ġie kundannat għal ħames snin priġunerija wara li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati nstab ħati illi seraq kopja tal-Kodiċi Kriminali. Il-klijent tiegħek jixtieq jappella. Jiċħad li kien hu li seraq il-kodiċi u igħid illi, f'kull każ, raddu lura lil sidu. Ħejji l-att meħtieġ biex isir l-appell.

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ħamis 27 ta' Lulju 2017**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew intalbet il-konsenja tal-klijent tiegħek minn Malta lejn il-Bulgarija biex iwieġeb għal akkużi miġjuba kontrih f'dak il-pajjiż dwar reati kriminali. Il-klijent tiegħek jibża' illi l-kondizzjonijiet fil-ħabs fil-Bulgarija fejn jinżamm sakemm jinstema' l-każ tiegħu huma ħżiena ħafna u ta' ħsara għal saħħtu u d-dinjità tiegħu, u għalhekk ma jixtieqx li jintbagħat il-Bulgarija. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

2. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'avviż illi proprjetà immobbli tiegħu hija meħtieġa għal skop pubbliku u sejra tiġi akkwistata mill-gvern. Hu ma jaqbilx illi l-proprjetà hija tassew meħtieġa għal skop pubbliku. Ħejji l-att meħtieġ biex issir kontestazzjoni tal-iskop pubbliku.

3. Il-klijent tiegħek li għandu jieħu somma konsiderevoli mingħand debitur tiegħu kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn il-banek iżda dawn wieġbu illi ma jżommux assi tad-debitur. Il-klijent tiegħek issa sar jaf illi ftit żmien qabel id-debitur kien ittrasferixxa l-flus li kellu l-bank fuq isem ħuh. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikseb il-ħlas ta' dak dovut lilu.

4. Ħejji l-att meħtieġ biex twieġeb għal azzjoni li fiha qiegħda tintalab dikjarazzjoni illi l-klijent tiegħek ma jgawdix servitù ta' mogħdija minn fuq art tal-attur.

5. Il-klijent tiegħek, li hu għażeb u llum għandu ħamsin sena, kien joqgħod ma' ħuh f'dar mikrija lil ħuh. Ħu l-klijent tiegħek issa miet. Sid il-kera, li jrid id-dar lura, għalaq il-provvista ta' dawl u ilma għad-dar u fetaħ kawża biex jitlob l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek għax igħid illi dan qiegħed iżomm il-fond mingħajr titolu. Ħejji l-att jew atti meħtieġa fiċ-ċirkostanzi fl-interess tal-klijent tiegħek.

6. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-klijent tiegħek instab mhux ħati ta' serq sempliċi iżda ħati ta' riċettazzjoni, u weħel piena ta' sentejn priġunerija. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell mis-sejbien ta' ħtija u biex titnaqqas il-piena.